Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2003

Numru 387/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR WALTER SPITERI**

**VS**

**SILVAN ATTARD**

**Illum 24 ta' Marzu 2003.**

Il-Qorti;


Qrati tal-Gustizzja

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Silvan Attard, bin Nazzareno u Mary nee Sacco mwieled Qrendi fil-21 ta' Ottubru 1977 u joqghod "ConJoe" St. Thomas Street, Fgura, bin-numru tal-karta ta' l-identita' 44478(M);

Talli fit-13 ta' Frar 2002, waqt li kien ghaddej minn Triq San Tumas il-Fgura hebb ghal Rodney Gatt u kkagunalu feriti permanenti f'wiccu kif iccertifika Dr. Anton Bugeja MD mill-Paola Health Centre.
Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat, storbju, glied jew mod iehor.

Wara illi rat l-Artikoli 214, 215, 216, 218, 338(dd), 17©, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Ikkonsidrat:

Illi wara illi semghet ix-xhieda prodotta u rat id-dokumenti ezebiti;

U wara illi hadet in konsiderazzjoni illi Rodney Gatt, rrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli;

Din il-Qorti, sfortunatament, nonostante l-mahra ta' Gatt, tirrileva illi l-akkuzi huma ex officio, u ghaldaqstant, qeghda ssib lill-imsemmi Silvan Attard hati, u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tmintax-il-xahar mil-lum.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------